Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna ro ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

l-Ingliż

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: en diġà ġew tradotti.

Swipe to change

# Dwar in-Networks

Rumanija

In-Network tal-Korrispondenti Lokali għall-Assistenza Ġudizzjarja Internazzjonali (*Rețeaua de corespondenți locali în domeniul asistenței judiciare internaționale*) twaqqaf fl-2001 wara Ordni tal-Ministeru tal-Ġustizzja, ibbażata fuq il-mudell tan-Network Ġudizzjarju Ewropew. F'Marzu 2004, wara żewġ ordnijiet tal-Ministeru tal-Ġustizzja, in-Network ġie riorganizzat f'żewġ networks speċjalizzati: in-Network Ġudizzjarju Rumen f'materji kriminali (*Rețeaua Judiciară Română în materie penală*, li jikkorrispondi man-Network Ġudizzjarju Ewropew) u n-Network Ġudizzjarju Rumen f'materji ċivili u kummerċjali ( *Rețeaua Judiciară Română în materie civilă și comercială*, li jikkorrispondi man-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali. Iż-żewġ networks ġew riorganizzati għadd ta' drabi (fl-2005, fl-2007, fl-2010, fl-2014, fl-2016 u fl-2019), wara emendi għal-liġi tal-UE rilevanti u bidliet fil-persunal li jaħdem fis-sistema ġudizzjarja nazzjonali.

L-aħħar aġġornament sar bl-Ordni Nru 1929/C tal-Ministeru tal-Ġustizzja tad-29 ta' Mejju 2014 b'konformità mad-Deċiżjoni Nru 568/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001. L-Ordni tħejjiet b'konformità mal-Ordni tal-Gvern Nru 123/2007 dwar ċerti miżuri għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja mal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, approvata b'emendi skont il-Liġi Nru 85 /2008.

In-Network Ġudizzjarju Rumen fil-Materji Ċivili u Kummerċjali jikkorrispondi għan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali fil-livell nazzjonali.

Ir-Rumanija nnominat żewġ punti ta' kuntatt għan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-Materji Ċivili u Kummerċjali. Il-punti ta' kuntatt għan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-Materji Ċivili u Kummerċjali jinsabu fil-Ministeru tal-Ġustizzja. Dan jiżgura li d-dmirijiet tan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-Materji Ċivili u Kummerċjali jkunu ssodisfati.

Skont l-Artikolu 6 [tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE], in-Network Ġudizzjarju Rumen fil-Materji Ċivili u Kummerċjali huwa magħmul minn imħallef wieħed mit-Taqsima Ċivili I u mħallef wieħed mit-Taqsima Ċivili II (li qabel kienet Materji Kummerċjali) mill-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja (*Înalta Curte de Casație și Justiție*); imħallef wieħed mit-Taqsima Ċivili I u ieħor mit-Taqsima Ċivili II (li qabel kienet Materji Kummerċjali) tal-qrati tal-appell; imħallef wieħed minn kull qorti/taqsima speċjalizzata għall-kwistjonijiet tal-minuri u tal-familja li tispeċjalizza fi kwistjonijiet ċivili relatati mas-sekwestru internazzjonali ta' minuri u l-għoti ta' indennizzi għall-vittmi tal-kriminalità; uffiċjali mid-Direttorat għad-Dritt Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja li jaqdu wkoll id-dmirijiet tal-Ministeru tal-Ġustizzja bħala l-Awtorità Ċentrali fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'materji ċivili u kummerċjali; u rappreżentant maħtur minn kull waħda mill-assoċjazzjonijiet professjonali tan-nutara (*notari*), tal-uffiċjali ġudizzjarji tal-eżekuzzjoni (*executori judecătoreşti*) u tal-avukati (*avocaţi*) fir-Rumanija. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali għan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali huma membri sħaħ tan-Network Ġudizzjarju Rumen fil-Materji Ċivili u Kummerċjali.

L-imħallfin li huma membri tan-Network Ġudizzjarju Rumen inħatru b'deċiżjoni tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (Consiliul Superior al Magistraturii).

Mill-2001 'l hawn, id-Direttorat għad-Dritt Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja organizza għadd kbir ta' seminars u laqgħat ta' ħidma għall-membri tan-Networks bl-użu ta' riżorsi proprji (il-baġit tal-Ministeru tal-Ġustizzja). Mill-2007 'l hawn, b'mod partikolari, avvenimenti bħal dawn ġew organizzati taħt iktar minn 15-il programm Ewropew iffinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, ir-rappreżentanti tan-Network Ġudizzjarju Rumen attendew il-laqgħat tan-Networks Ġudizzjarji Ewropej fuq bażi regolari.

Il-membri tan-Network Ġudizzjarju Rumen fil-Materji Ċivili u Kummerċjali huma elenkati fl-Anness mal-Ordni Nru 4008/C tad-09/10/2019. L-Anness huwa parti integrali tal-Ordni.

**Il-membri tan-Network Ġudizzjarju Rumen f'materji ċivili u kummerċjali, imħallfin mill-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja, il-Qrati tal-Appell, il-qrati /taqsimiet speċjalizzati għall-kwistjonijiet tal-minuri u tal-familja, it-Tribunal ta' Bukarest (imħallfin ta' kollegament fin-Network Internazzjonali tal-Aja għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri u mħallef maħtur mill-Kummissjoni għall-għoti ta' indennizzi għall-vittmi tal-kriminalità):**

**Il-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja (*Înalta Curte de Casaţie şi Justiţie*)**

Nina-Ecaterina GRIGORAȘ, Taqsima Ċivili I

Andreia-Liana CONSTANDA, Taqsima Ċivili I

Roxana POPA, Taqsima Ċivili II

**Il-Qorti tal-Appell (*Curtea de Apel*) ta' Alba Iulia**

Cristina Gheorghina NICOARĂ, Taqsima Ċivili I

Nicolae DURBACĂ, Taqsima Ċivili II

**Il-Qorti tal-Appell ta' Bacău**

Cristina-Mădălina RADU, Taqsima Ċivili I

Loredana ALBESCU, Taqsima Ċivili II - Litiġji Amministrattivi u Fiskali

**Il-Qorti tal-Appell ta' Braşov**

Cristina ȘTEFĂNIȚĂ, Taqsima Ċivili u każijiet li jinvolvu Kwistjonijiet tal-Minuri u tal-Familja, u Tilwim Industrijali u tas-Sigurtà Soċjali

Elena-Clara CIAPĂ, Taqsima Ċivili

Simona Petrina GAVRILĂ, Taqsima Ċivili

Gabriel ȘTEFĂNIȚĂ, Taqsima Ċivili u każijiet li jinvolvu Kwistjonijiet tal-Minuri u tal-Familja, u Tilwim Industrijali u tas-Sigurtà Soċjali

**It-Tribunal tal-Kwistjonijiet tal-Minuri u tal-Familja ta' Braşov (*Tribunalul pentru Minori şi Familie*)**

Andrei IACUBA

**Il-Qorti tal-Appell ta' Bucharest**

Antonela BRĂTUIANU, Taqsima Ċivili IV

Ştefan CMECIU, Taqsima Ċivili V

Felix Lucian ȘALAR, Taqsima Ċivili VI

Romeo GLODEANU, Taqsima Ċivili V

Bogdan CRISTEA, Taqsima VIII - Litiġji Amministrattivi u Fiskali

**It-Tribunal ta' Bucharest**

Andreea Florina MATEESCU, Taqsima Ċivili V (imħallef ta' koordinament fin-Network Internazzjonali tal-Aja għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri)

Anca Magda VOICULESCU, Taqsima Ċivili IV (imħallef ta' koordinament fin-Network Internazzjonali tal-Aja għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri)

Luminița TÂRȚĂU, Taqsima Kriminali I, il-Kummissjoni għall-Konċessjoni ta' Kumpensi għall-Vittmi tal-Kriminalità – It-Tribunal ta' Bucharest

**Il-Qorti tal-Appell ta' Cluj**

Denisa-Livia BĂLDEAN, President

Axente-Irinel ANDREI, President tat-Taqsima Ċivili II - Litiġji Amministrattivi u Fiskali

**Il-Qorti tal-Appell ta' Constanța**

Daniela PETROVICI, Taqsima Ċivili I

Ecaterina GRIGORE, Taqsima Ċivili II - Litiġji Amministrattivi u Fiskali

**Il-Qorti tal-Appell ta' Craiova**

Adina-Georgeta PONEA, President

Lotus GHERGHINĂ, Taqsima Ċivili II

**Il-Qorti tal-Appell ta' Galați**

Aneta-Luminița CRISTEA, Taqsima Ċivili I

Cosmin-Răzvan MIHĂILĂ, Taqsima Ċivili II

Andreea ARHIP, Taqsima Ċivili II

Alexandru BLEOANCĂ, Taqsima Ċivili II

**Il-Qorti tal-Appell ta' Iași**

Claudia Antoanela SUSANU, Taqsima Ċivili

Elena Crizantema PANAINTE, Taqsima tat-Tilwim Industrijali u s-Sigurtà Soċjali

Alina Gianina PRELIPCEAN, Taqsima tal-Litiġji Amministrattivi u Fiskali

**Il-Qorti tal-Appell ta' Oradea**

Dorina Mihaela BEREȘ, Taqsima Ċivili I

Marcela FILIMON, Taqsima Ċivili II - Litiġji Amministrattivi u Fiskali

**Pitești Court of Appeal**

Corina PINCU IFRIM, Taqsima Ċivili I

Dumitru VĂDUVA, Taqsima Ċivili II - Litiġji Amministrattivi u Fiskali

Mariana VÂRGĂ, Taqsima Ċivili, It-Tribunal ta' Argeș

Elena Cristina LUNGU, Taqsima Ċivili, It-Tribunal ta' Vâlcea

**Il-Qorti tal-Appell ta' Ploiești**

Andra Corina BOTEZ, President

Adriana Maria RADU, Taqsima Ċivili I

Aida Liliana STAN, Taqsima Ċivili II - Litiġji Amministrattivi u Fiskali

**Il-Qorti tal-Appell ta' Suceava**

Ştefania Fulga ANTON, Taqsima Ċivili I

Daniela MITREA MUNTEA, Taqsima Ċivili II - Litiġji Amministrattivi u Fiskali

**Il-Qorti tal-Appell ta' Târgu Mureș**

Andreea CIUCĂ, Taqsima Ċivili II - Litiġji Amministrattivi u Fiskali

Loredana BERINDEAN, President tat-Taqsima Ċivili I, il-Qorti Distrettwali ta' Târgu Mureș

**Il-Qorti tal-Appell ta' Timișoara**

Cristian PUP, Taqsima Ċivili I

Ștefan LUCACIUC, Taqsima Ċivili II

Florin MOŢIU, Taqsima Ċivili II

**Il-Membri tan-Network Ġudizzjarju Rumen fil-materji ċivili u kummerċjali- punti ta' kuntatt nazzjonali għan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali**

**Il-Ministeru tal-Ġustizzja**

Viviana ONACA, Direttriċi, Id-Direttorat għad-Dritt Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja

Ioana BURDUF (ġurista li jaġixxi bħala mħallef jew prosekutur), id-Direttorat għad-Dritt Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja

**Il-membri tan-Network Ġudizzjarju Rumen fil-materji ċivili u kummerċjali li jwettqu d-dmirijiet tal-Ministeru tal-Ġustizzja bħala l-awtorità ċentrali fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali u li jiffunzjonaw bħala s-Segretarjat tan-Network**

Camelia TOBĂ (ġurista li jaġixxi bħala mħallef jew prosekutur), id-Direttorat għad-Dritt Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja

Flavius George PĂNCESCU (ġurista li jaġixxi bħala mħallef jew prosekutur), id-Direttorat għad-Dritt Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja

**Il-Membri tan-Network Ġudizzjarju Rumen fil-materji ċivili u kummerċjali - rappreżentant magħżul minn kull wieħed mill-Presidenti tal-Unjonijiet Nazzjonali tan-Nutara, tal-Uffiċjali Ġudizzjarji u tal-Kmamar tal-Avukati fir-Rumanija**

Octavian ROGOJANU, Nutar Pubbliku(*notar public*), Segretarju tal-Kunsill tal-Unjoni Nazzjonali Rumena tan-Nutara

Constantin Adrian STOICA, uffiċjal ġudizzjarju tal-eżekuzzjoni, Unjoni Nazzjonali Rumena tal-Uffiċjali Ġudizzjarji (*Uniunea Executorilor Judecătorești din România*)

Costea-Corin C. DĂNESCU, avukat, il-Kamra tal-Avukati Rumena (*Uniunea Națională a Barourilor din România*)

L-aħħar aġġornament: 24/03/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta’ din il-paġna tinżamm mill-punt ta’ kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.